MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru. 244/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Ibrahim Shahata**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ibrahim Shahata detentur tal-karta tal-identita` numru 461394(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Marzu 2009 jew fil-jiem ta' qabel,

a. irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

c. u aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-8 ta' April 2009, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

d. kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-atti processwali kollha.

Rat ukoll l-istqarrija tal-imputat fejn mill-bidu nett huwa sostna illi huwa tela' ghat-test tal-"ispecial" u cioe` tat-trakkijiet. Huwa kien kostanti fl-istqarrija tieghu fejn spjega illi huwa kien dahal jahdem ma' Polidano Bros. bhala "truck driver" u allura ried ikollu din il-licenzja. Ghalhekk, u peress li hu kien diga` jaf isuq it-trakkijiet, staqsa lil persuna mhux maghrufa sabiex itellghu ghat-test. Huwa

spjega illi ghat-test kien hemm pulizija li hadu dawra u staqsieh xi sinjali u minn hemm hu ghadda u ftit wara huwa rceva il-licenzja tat-trakkijiet.

Mill-istqarrija hareg ukoll illi huwa ghakhekk mar ghat-test minghajr ma qatt applika.

Xehed ukoll Brian Farrugia bhala rapprezentant tat-Transport Malta li bhal f'kull kawza ohra ta' dan it-tip xehed illi "records" li l-imputat qatt applika jew ottjena xi licenzja tat-takkijiet ma kienitx instabet.

Dehret Mandy Carbone bhala xhud izda illi ddikjarat illi sabiex ma tinkriminax ruhha ma kienitx disposta li tixhed f'dawn il-proceduri.

Xehdu wkoll l-imputat kif ukoll il-mara tieghu li kkorroboraw l-istqarrija originarjament rilaxxata mill-istess imputat.

Rat li l-fedina tal-imputat li hija wahda netta.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie akkuzat b'diversi akkuzi fosthom li rrenda ruhhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fl-opinjoni tal-Qorti din ma gietx ippruvata stante ma giex ippruvat li kien hemm l-involviment dirett ta' persuna ohra li kienet partecipi ghal xi illegalita` fl-ghoti ta' din il-licenzja.

Illi ugwalment jghodd a rigward it-tieni akkuza li fost l-ohrajn tirreferi ghal xi weghda li seta' taghha jew offra lil xi hadd iehor b'mod dirett jew indirett u li din il-persuna kienet kapaci tinfluwenza b'mod mhux xieraq fl-ottentiment tal-licenzja in kwistjoni. Tali terza persuna ma gietx ippruvata li tezisti u wisq anqas li kien hemm xi weghda offruta jew moghtija lil xi had li kellu xi influwenza fl-otteniment tal-licenzja tat-trakkijiet.

Illi t-tielet u r-raba' akkuzi jirreferu ghal dikjarazzjoni falza u ghal gurament falz li certament dawn ma gewx ippruvati

stante illi l-istess xhud li setghet titfa’ daqsxejn dawl fuq dawn u cioe` Mandy Carbone, ghazlet li ma tixhidx f’dawn il-proceduri sabiex ma tinkriminax ruhha.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap 9, qed issib lill-imputat Ibrahim Shahata mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------